MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 893/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Giorgia Bonnici**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Giorgia Bonnici ta' 38 sena, bin Emanuel Farrugia u Doris nee' Borg, imwielda Rahal Gdid, fit-23 ta' Settembru 1972 u residenti fil-fond : Nru. 20, Flt Nru 6, Triq Wenzu Dyer, il-Birgu u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 407572(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

A) Nhar it-8 ta’ Marzu 2011, ghal habta tan-12:30 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kienet fil-font Nru. 20, Flt Nru. 6 fi Triq Wenzu Dyer, gewwa l-Birgu, volontarjament ghamlet hsara fuq televixin ta’ l-ghamla Funai 26’’ u televixen ta’ l-ghamla Funai 22’’, liema valur jammonta ghal 654 ewro, ghad-dannu ta’ Grazio Abela u persuni ohra.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gabet ruhha b’tali mod li kkagunat lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hija kienet af jew missha kienet taf li, b’tali mgieba taghha, ser tikkaguna lil haddiehor biza.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Awwissu 2011 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012 l-imputata ddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fedina penali netta tal-imputata u kkunsidrat ukoll ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 u 251A tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha amessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti torbot lill-imputata b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt ewro (€800) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli timmolesta jew tivvessa lil Grazio Abela.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------